

**Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (l-Irlanda) fid-9 ta' Marzu 2017 – David Smith vs Patrick Meade, Philip Meade, FBD Insurance plc, L-Irlanda, Attorney General**

(Kawża C-122/17)

(2017/C 151/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: David Smith

Konvenuti: Patrick Meade, Philip Meade, FBD Insurance plc, L-Irlanda, Attorney General

**Domandi preliminari**

Meta:

- i) id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbi jipprevedu eskużjoni mill-assigurazzjoni obbligatorja tal-karozzi fir-rigward tal-persuni li għalihom ma kinux ipprovdu siġġijiet fissi fvettura motorizzata,
- ii) il-polza ta' assigurazzjoni applikabbi tipprevedi li l-garanzija hija limitata għall-passiġġieri li jivvjaġġaw f'siġġijiet fissi u li din il-polza kienet, fil-fatt, polza ta' assigurazzjoni approvata skont it-tifsira tad-dritt nazzjonali fil-mument tal-inċidenc,
- iii) id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbi li jipprevedu tali eskużjoni tal-garanzija kienu diġà ġew meqjusa kuntrarji ġħad-dritt tal-Unjoni f-deċiżjoni preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tad-19 ta' April 2007, Farrell, C-356/2009, EU:C:2007:229) u, għaldaqstant ma għandhomx jiġi applikati, u
- iv) il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ma tippermettix interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni,

b'hekk, fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi u kumpannija ta' assigurazzjoni privata li tikkonċerha inċident b'karozza fl-1999, li rriżulta fil-korriġment serju ta' passiġġier li ma kienx qed jivvjaġġa f'siġġu fiss, fejn, bil-kunsens tal-partijiet, il-qorti nazzjonali inkludiet lill-kumpannija ta' assigurazzjoni privata u lill-Istat bħala konvenuti, il-qorti nazzjonali li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali għandha wkoll l-obbligu li ma tapplikax il-klawżola ta' eskużjoni li tinsab fil-polza ta' assigurazzjoni tal-karozza jew li b'mod ieħor tipprekludi lill-assiguratur milli jinvoka l-klawżola ta' eskużjoni li kienet valida fdak il-waqt, minkejja li l-persuna korrua setgħet tiġi kkumpensata direttament mill-kumpannija ta' assigurazzjoni fuq il-bażi ta' din il-polza? Sussidjarjament, tali riżultat jammonta, essenzjalment, għal forma ta' effett dirett orizzontali ta' direttiva fir-rigward ta' individwu li huwa pprojbit mid-dritt tal-Unjoni?

**Rikors ippreżzentat fl-10 ta' Marzu 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonia**

(Kawża C-127/17)

(2017/C 151/30)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u W. Mölls)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonia

## Talbiet

- tiddikjara li, billi imponiet fuq kumpanniji tat-trasport rekwiżit li jkollhom permessi speċjali sabiex ikunu jistgħu jużaw ġerti toroq pubbliċi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 3 u 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, tal-25 ta' Lulju 1996, li tistabbilixxi għal ġerti vetturi tat-triq li jiċċirkulaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżżejjiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali, (<sup>1</sup>) moqrija flimkien mal-punti 3.1 u 3.4 tal-Anness I tal-istess direttiva;
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika tal-Polonja minħabba li ċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi li huma konformi mal-piż massimu awtorizzat tal-fus, stabbilit fil-livell ta' 10 tunnellati (fus mhux tas-sewqan) u ta' 11,5 tunnellati (fus tas-sewqan) fil-punti 3.1 u 3.4 rispettivament fl-Anness I tad-Direttiva 96/53/KE, hija ristretta fi kważi 97 % tat-toroq pubbliċi li jinsabu fit-territorju tal-Polonja, u dan b'mod kuntrarju għall-Artikolu 3 tal-istess direttiva. Din ir-restrizzjoni tirriżulta mill-kombinazzjoni taż-żewġ fatturi li ġejjin:

- (1) iċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi b'piż massimu awtorizzat tal-fus ta' 11,5 tunnellati hija possibbli biss f'toroq li jifformaw parti min-Netwerk Trans-Ewropew (TEN-T) u ġerti toroq nazzjonali oħra (Artikolu 41(2) tal-Liġi dwar it-Toroq Pubbliċi); u
- (2) hemm rekwiżit ta' permess speċjali li jippermetti ċ-ċirkulazzjoni f'toroq oħra (Artikolu 64 et seq tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq).

Il-Kummissjoni tikkritika wkoll lir-Repubblika tal-Polonja minħabba li hija interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/53/KE. Skont l-evalwazzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, din id-dispożizzjoni tippermetti lil Stat Membru li jidderoga mill-prinċipju ġenerali stipulat fl-Artikolu 3 tal-istess direttiva billi jirrestrinġi ċ-ċirkulazzjoni ta' vetturi b'piż massimu awtorizzat tal-fus ta' 11,5 tunnellati. Filwaqt li huwa veru li eżempji speċifiċi jinsabu fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7 ta' postijiet fejn l-użu ta' vetturi jista' legalment jiġi ristrett (bliet, villaġġi żgħar jew postijiet ta' interess naturali speċjali), din id-dispożizzjoni hija marbuta biss mar-restrizzjoni imposta fuq ġerti toroq jew fuq strutturi ta' ingżinerija fuq partijiet speċifiċi ta' triq. Skont il-Kummissjoni, Stat Membru ma jistax raġonevolment jibbaża ruħu fuq il-possibbiltà li jintrosu derogi sabiex kważi 97 % tan-netwerk tat-toroq tiegħi.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 64(1) tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq (<sup>2</sup>), sabiex ikunu jistgħu jużaw toroq li ma humiex parti mit-TEN-T, jiġifieri, kważi 97 % tat-toroq li jikkostitwixxu n-netwerk tat-toroq pubbliċi, is-sidien tal-vetturi kkonċernati għandhom jaapplikaw quddiem il-korpi rilevanti għal permess speċjali u għandhom jiksbu tali permess, rekwiżit li jagħti lok għad-diffikultajiet li ġejjin:

- formalitajiet amministrativi kkomplikati li jirrikjedu kuntati ma' diversi korpi amministrativi;
- iż-żona ġeografika tal-validità ta' permess hija limitata, u dan iġiegħel lil kumpanniji tat-trasport inġenerali jaapplikaw għal diversi permessi għal kull rott;
- iż-żmien meħtieġ sabiex jinkiseb permess u l-ispejjeż tiegħi.

Finalment, fuq il-bażi tal-Artikolu 64(2) tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq hawn fuq imsemmi, permess tal-Kategorija IV għal-użu ta' toroq nazzjonali minn vetturi b'piż tal-fus tas-sewqan ta' 11,5 tunnellata ma jistax jintuża għall-għarr ta' tagħbiġiet diviżibbli.

Id-Direttiva 96/53/KE ma tippermettix dan it-tip ta' ostakolu u diffikultà fil-qasam tal-libertà ta' ċirkulazzjoni ta' vetturi. Kumpannija li ma taqbilx li tkun suġġetta għal dawn il-kundizzjonijiet tkun suġġetta għal projbizzjoni mill-użu tat-toroq. Tali regola tmur kontra l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/53/KE, li skontu, permezz tal-kundizzjonijiet stipulati fih, Stat Membru ma jistax “jiċċhad jew jipprobixxi” l-użu fit-territorju tiegħi, fit-traffiku internazzjonali, ta' vetturi li huma konformi mal-valuri tal-piż massimu speċifikati fl-Anness I ta' din id-direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 478.

<sup>(2)</sup> Dikjarazzjoni tal-iSpeaker tas-Sejm (Kamra Inferjuri tal-Parlament) tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta' Awwissu 2012 li tiaprovi t-test ikkonsolidat tal-Liġi dwar it-Traffiku fit-Toroq, Dziennik Ustaw 2012, partita 1137.